

- 2) F'każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda: L-Artikolu 322(b) tad-Direttiva tal-VAT jimponi li jiġi rrifjutat lin-negozjant id-dritt għat-tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa li tirriżulta mill-akkwist intra-Komunitarju tax-xogħlijiet tal-arti, u dan anki meta ma teżistix dispożizzjoni nazzjonali li tinkludi regola korrispondenti?

(¹) ĠU L 347, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fis-
17 ta' Mejju 2017 – Rhein-Sieg-Kreis vs Verkehrsbetrieb Hüttebräucker GmbH, BVR Busverkehr
Rheinland GmbH**

(Kawża C-266/17)

(2017/C 283/25)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberlandesgericht Düsseldorf (qorti reġjonali superjuri ta' Düsseldorf)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Rhein-Sieg-Kreis

Konvenuti: Verkehrsbetrieb Hüttebräucker GmbH, BVR Busverkehr Rheinland GmbH

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1370/2007 (¹) huwa applikabbli għall-kuntratti li ma jkollhomx il-forma ta' kuntratti ta' konċessjoni għal servizzi kif iddefiniti fid-Direttiva 2004/17/KE (²) jew fid-Direttiva 2004/18/KE (³)?

Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

- 2) Fil-każ fejn awtorità individwali kompetenti tagħti direttament kuntratt għal servizz pubbliku lil operatur intern konformement mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1370/2007, il-kontroll konġunt eżerċitat mill-imsemmija awtorità individwali flimkien mal-entitajiet assoċjati l-oħra tal-operatur intern ikun ostakolat meta l-fakultà ta' intervent fit-trasport pubbliku ta' passiġġieri f'żona ġeografika partikolari [Artikolu 2(b) u (ċ) tar-Regolament Nru 1370/2007] tkun maqsuma bejn l-awtorità individwali kompetenti u grupp ta' awtoritajiet li jipprovdu servizzi integrati għat-trasport pubbliku għall-passiġġieri, b'mod, pereżempju, li s-setgħa tal-għoti ta' kuntratti għal servizzi pubbliċi lil operatur intern tibqa' f'idejn l-awtorità individwali, filwaqt li x-xogħol relatat mat-tariffi jingħata lil sindakat interkomunali ta' komunità tat-trasport, li tinkludi, minbarra l-awtorità individwali, awtoritajiet kompetenti oħra fiż-żoni ġeografiċi tagħhom?
- 3) Fil-każ fejn awtorità individwali kompetenti tagħti direttament kuntratt għal servizz pubbliku lil operatur intern konformement mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1370/2007, il-kontroll konġunt eżerċitat mill-imsemmija awtorità individwali flimkien mal-entitajiet assoċjati l-oħra tal-operatur intern ikun ostakolat meta skont ir-regoli statutorji tal-imsemmi operatur, ikollha drittijiet ta' vot sabiex tgħaddi, temenda jew ixxolji kuntratt għal servizz pubbliku skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1370/2007 biss l-entità assoċjata li, hi stess, tagħti kuntratt għal servizzi lill-imsemmi operatur skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1370/2007, jew li l-proprjetarju dirett jew indirett tagħha jagħti tali kuntratt?
- 4) Il-punt (b) tat-tieni sentenza tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1370/2007 jippermetti li l-operatur intern jagħti wkoll servizzi pubbliċi ta' trasport ta' passiġġieri għal awtoritajiet lokali kompetenti oħra fit-territorju tagħhom (inklużi linji li jmorru lil hinn jew servizzi parzjali oħra li jwasslu għat-territorju ta' awtoritajiet lokali kompetenti viċini), meta dawn ma jkunux ngħataw permezz ta' proċedura organizzata ta' sejħiet kompetittivi għal offertri?
- 5) Il-punt (b) tat-tieni sentenza tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1370/2007 jippermetti li l-operatur intern jipprovdi, lil hinn mit-territorju tal-awtorità li inkarigatu, servizzi pubbliċi tat-trasport ta' passiġġieri għal awtoritajiet organizzaturi ta' servizzi oħra, fuq il-bażi ta' kuntratti ta' servizzi li jaqgħu taħt ir-regoli tranżitorji previsti fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 1370/2007?

6) Fliema data għandhom il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1370/2007 ikunu ssodisfatti?

- ⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2007, dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1191/69 u 1107/70 (ĠU 2007, L 315, p. 1).
- ⁽²⁾ Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, li tikkordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 19).
- ⁽³⁾ Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132).

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Hannover (il-Ġermanja) fit-18 ta' Mejju 2017 – Herbert Blesgen vs TUIfly GmbH

(Kawża C-283/17)

(2017/C 283/26)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Hannover

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Herbert Blesgen

Konvenuta: TUIfly GmbH

Domandi preliminari

- 1) L-assenza minħabba mard ta' parti sostanzjali mill-persunal meħtieġ għat-twertiq tat-titjiriet tat-trasportatur bl-ajru tikkostitwixxi ċirkustanza straordinarja fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 ⁽¹⁾? Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda: kemm għandha tkun ir-rata ta' assenza sabiex tali ċirkustanza tiġi ammissa?
- 2) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fin-negattiv: l-assenza spontanja ta' parti sostanzjali mill-persunal meħtieġ għat-twertiq tat-titjiriet tat-trasportatur bl-ajru, minħabba waqfien fix-xogħol mhux awtorizzat skont il-leġiżlazzjoni tax-xogħol jew skont ftehim kollettiv ("strajk selvaġġ"), tikkostitwixxi ċirkustanza straordinarja fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004? Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda: kemm għandha tkun ir-rata ta' assenza sabiex tali ċirkustanza tiġi ammissa?
- 3) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel jew għat-tieni domanda: iċ-ċirkustanza straordinarja fiha nnifisha kellha tkun preżenti meta ġiet ikkanċellata t-titjira jew it-trasportatur bl-ajru jista' jistabbilixxi skeda ġdida ta' titjiriet għal raġunijiet ekonomiċi?
- 4) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel jew għat-tieni domanda: il-kunċett ta' natura evitabbli huwa marbut maċ-ċirkustanza straordinarja jew pjuttost mal-konsegwenzi tal-okkorrenza tal-imsemmija ċirkustanza?

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitiġħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li [...] jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).